MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 730/2005

**J & E Griscti Limited (C-6185)**
**vs**
**Alfred Abdilla (ID488965M) ezercitanti l-kummerc bl-isem « Wize Choice Self Service »**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Marzu, 2005, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u sitta u tmenin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm486.53), rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata mill-istess socjeta` attrici, liema prezz il-konvenut naqas milli jhallas.**
**Bl-imghax mit-3 ta' Settembru, 2004, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Dicembru, 2004, kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-21 ta' April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta**

**risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut fil-kwalita tieghu premessa jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u sitta u tmenin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm486.53) bl-imghax legali mit-3 ta' Settembru, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Dicembru, 2004 ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------